**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Jannar, 2021**

**Rikors Revoka Nru: 660/2020 AF**

**Caterina Pace**

**vs**

**John Camilleri u Antoinette Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' John u Antonia konjugi Camilleri li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet tirrevoka l-mandat ta' sekwestru Nru. 256/2012 a tenur tal-Art. 836(1)(c) u/jew (e) u/jew (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Intalbet ukoll l-imposizzjoni tal-penali a tenur tal-Art. 836(8).

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ta' Caterina Pace.

Ikkunsidrat illi l-mandat ta' sekwestru *de quo* intalab minn u nhareg fil-konfront tal-konjugi Camilleri sabiex Caterina Pace tikkawtela l-pretensjonijiet taghha dedotti f'kawza pendenti quddiem din il-Qorti, f'liema kawza qed tintalab ir-rexissjoni ta' kuntratt ta' donazzjoni u r-ritorn ta' €36,988 li Caterina Pace ssostni li huma taghha. Il-mandat ta' sekwestru inhareg b'zieda ma' mandat ta' inibizzjoni fuq proprjetà mmobbli tal-konjugi Camilleri.

Il-konjugi Camilleri jsejjsu t-talba taghhom fuq il-provvedimenti tal-Art. 836(1) (c) (e) jew (f) li jipprovdu ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*
>
> *…*
>
> *jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed;*
>
> *jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Peress illi t-tlett kapi li tahthom il-konjugi Camilleri qed jitolbu t-thassir tal-mandat ta' sekwestru kollha jipprezumu l-ezistenza ta' garanzija sufficjenti ghal Caterina Pace, din il-Qorti ser tqishom flimkien.

Din il-Qorti tibda billi tinnota l-fehma kostanti taghha in segwitu tal-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fis-sens illi mandat fuq proprjetà immobbli, bhala regola, ma joffrix garanzija facilment realizzabbli partikolarment meta l-proprjetà immobbli

tikkostitwixxi r-residenza tad-debitur. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-decizjoni taghha kif presjeduta fil-proceduri Borg vs Foca (115/2016 AF).

Madanakollu fil-kaz in ezami tqis gustifikat li tiddipartixxi minn dak fuq dikjarat ghal zewg ragunijiet fil-fehma taghha, validissimi.

L-ewwelnett, il-Qorti tqis id-diskrepanza fil-valur bejn ic-cifra pretiza (li jidher li s'issa tlahhaq mas-€60,000) u l-valur tad-dar milquta bil-mandat ta' inibizzjoni. Id-dar kienet stmata li tista €440,000 ghaxar snin ilu u s-self fuqha llum jinsab kollu mhallas.

Inoltre din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-konjugi Camilleri huma llum pensjonanti u, minhabba l-mandat *in vigore*, qeghdin ikunu kostretti jattendu personalment fi *queue* fil-fergha tal-bank sabiex isarrfu c-*cheque* tal-pensjoni taghhom. Fiz-zminijiet partikolarissimi tal-pandemija fil-pajjiz, il-Qorti tqis li l-periklu lilhom jista' jigi evitat.

Finalment il-Qorti tqis li ma tezisti ebda cirkostanza li twassalha timponi penali a tenur tal-Artikolu 836(8).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-konjugi John u Antonia sive Antoinette Camilleri u thassar il-mandat ta' sekwestru 256/2012.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF